MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 162/2005

**L-Avukat Dottor Carlo M. Vigna bhala mandatarju tad-ditta estera Pronk's Broederij B.V.**

**-vs-**

**Flock Hatchers Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur nomine espona;

Illi fuq ordinazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-istess socjeta' konvenuta merkanzija minnha ordnata u l-ammont dovut sal-lum huwa ta' erbgha u hamsin elf u sitta u sebghin Euro u tmienja u hamsin centezmu

(€54,076.58) ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-lum 15 ta' Frar 2005 ghal tnejn u ghoxrin elf u disa' mija u tlettax il-Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm22,913.81) rapprezentanti in kwantu ghall-hamsin elf u hames mija u hamsa u ghoxrin Euro (€50,525) bilanc tal-fatturi markati Dok. A sa F u in kwantu ghas-somma ta' tlett elef hames mija u wiehed u hamsin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€3,551.58) imghax dovut mis-socjeta' konvenuta kalkolat sat-2 ta' Ottubru 2003 u dana kif jirrizulta mill-annessi Dok. G u H.

Illi s-socjeta' konvenuta ma hallsitx dan il-bilanc dovut minkejja li giet interpellata diversi drabi u dana anke permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Mejju 2004.

Illi dan il-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta mill-annessa dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata Dok. CV1.

Ghalhekk titlob ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u hamsin elf u sitta u sebghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€54,076.58) ekwivalenti bir-rata tal-kambju tal-lum 15 ta' Frar 2005 ghal tnejn u ghoxrin elf u disa' mija u tlettax il-Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm22,913.81) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Mejju 2004 u bl-imghax kummercjali ultejuri mit-3 ta' Ottubru 2003 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur nomine.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

**Fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur nomine kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------